Heritage Malta

Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **22 ta' Ottubru 2021**

# Ġnien fis-sit ta' Għar Dalam jinfetaħ għal esperjenza edukattiva u divertenti

Fis-sit preistoriku ta' Għar Dalam infetaħ Ġnien Dinja Waħda, li joffri lill-istudenti esperjenza edukattiva u divertenti lil hinn mill-ambjent tradizzjonali tal-klassi. Għar Dalam huwa sit fi ħdan Heritage Malta, li qed tipprovdi l-ispazju tal-post għall-użu ta' viżitaturi ta' kull età, b'aċċenn partikolari fuq tfal tas-Sitt Sena tal-iskola primarja li jistgħu jieħdu sehem fi programm edukattiv imħejji apposta. Heritage Malta qed tagħmel tajjeb ukoll għall-ispejjeż tat-trasport ta' dawn l-istudenti mill-iskola lejn is-sit u lura.

Ġnien Dinja Waħda jsegwi l-passi ta' spazji simili li nħolqu f'xi istituzzjonijiet edukattivi bl-għajnuna ta' BirdLife Malta, bl-għan li l-istudenti jħossuhom imwaħħdin man-natura u jitgħallmu b'mod prattiku minflok b'mod astratt. Fil-ġnien hemm siġar u pjanti indiġeni u endemiċi, bankijiet, kif ukoll għadira fejn jgħixu diversi ħlejjaq. Il-post b'hekk jagħti l-opportunità lit-tfal biex josservaw bosta speċi tal-art u tal-ilma fl-ambjent naturali tagħhom.

Ġnien Dinja Waħda hu miftuħ għal kull min iżur Għar Dalam, kemm individwalment kif ukoll fi gruppi, iżda għalissa Heritage Malta qed toffri l-programm edukattiv biss għall-istudenti tas-Sitt Sena. Għal dan il-programm kull klassi tinqasam fi gruppi, b'kull grupp jieħu sehem f'attivitajiet differenti li jalternaw.

L-attivitajiet ivarjaw minn osservazzjoni tal-ħlejjaq li jgħixu fl-għadira, bi spjegazzjoni mill-kuratur ta' Għar Dalam, għal żjarat fl-għar innifsu biex it-tfal jitgħallmu dwaru mill-aspett ta' abitat naturali għal diversi ħlejjaq, kif ukoll attività fejn it-tfal jittrasferixxu fuq karta d-disinji naturali taz-zkuk tas-siġar. Barra minn hekk, it-tfal ser jiżirgħu żerriegħa ta' siġar indiġeni li se jeħduhom magħhom l-iskola biex jieħdu ħsiebhom. 'Il quddiem dawn jinġabru minn Heritage Malta biex jitħawlu f'Għar Dalam u f'siti oħra tal-aġenzija.

Ġnien Dinja Waħda tnieda bi żjara minn studenti tal-iskola primarja ta' Birżebbuġa, fil-preżenza tal-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, Noel Zammit, u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, Frank Fabri.

Is-Sur Zammit tkellem dwar is-siwi ta' inizjattivi bħal dawn, li joffru mezzi alternattivi ta' tagħlim għat-tfal. Huwa fakkar li Heritage Malta hija impenjata favur il-ħarsien tal-ambjent, anke b'diversi inizjattivi interni bħal dik li ħadet ftit xhur ilu biex l-impjegati tagħha jiżirgħu fi djarhom siġar li 'l quddiem se jitħawlu f'siti tal-aġenzija stess. Huwa ħeġġeġ ukoll lill-istudenti kollha biex jagħmlu użu mill-passaport ta' Heritage Malta, li joffrilhom aċċess bla ħlas għal bosta siti storiċi u mużewijiet.

Min-naħa tiegħu, Dott. Fabri qal li l-edukazzjoni m'għandhiex limitazzjoni ta' ħitan u kull sit jista' jkun post ta' tagħlim rilevanti, hands-on u ta' kwalità. Din il-kollaborazzjoni bejn il-Ministeru għall-Edukazzjoni u Heritage Malta hija esperjenza ta' valur għoli fil-vjaġġ edukattiv tat-tfal u l-istudenti tagħna. Dan hu pass ieħor li jsostni t-tagħlim u l-edukazzjoni li minnu jgawdu t-tfal kollha. Napprezzawh u naraw li nissoktaw bil-vjaġġ flimkien.

Il-kapijiet ta' skejjel primarji li huma interessati fi żjarat fi Ġnien Dinja Waħda għall-istudenti tagħhom fis-Sitt Sena għandhom jibbukkjaw permezz ta' din il-formola:
https://heritagemalta.org/schoolbooking/ghar-dalam/